# ĊIRKULARI

**Data: 29 ta' Marzu 2021** **Ref: DDLTS 9/2021**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett: Seminar tal-eTwinning Onlajn 2021 – Litteriżmu tal-Midja u d-Diżinformazzjoni**

---

Is-servizz ta ' appoġġ nazzjonali tal-eTwinning Malta jistiednek tattendi Seminar Onlajn tal-eTwinning għas-sena 2021. Waqt is-seminar se nospitaw għalliema minn diversi pajjiżi Ewropej.

**Post**: MS TEAMS platform
**Data**: Sibt 24 ta' April 2021.
**Ħin:** 10.00 – 16.00 CET
**L-Udjenza:** L-edukaturi kollha (inklużi l-LSEs), mill-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u mill-iskejjel indipendenti
**Deskrizzjoni:** It-tema tas-seminar ta ' din is-sena hija l- **Litteriżmu tal-Midja u d-Diżinformazzjoni**
Għalhekk, il-workshops mhux se jiffokaw biss fuq l-eTwinning bħala pedagoġija innovattiva iżda wkoll fuq l-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali u l-eTwinning fl-iskejjel fi ħdan din it-tema. Se jkun hemm ukoll attività ta ' networking bejn il-parteċipanti bil-għan li tħeġġeg proġetti kollaborattivi ġodda.
Is-seminar huwa miftuħ għall-edukaturi:

- li huma ġodda għal-eTwinning
- li jixtiequ jesperjenzaw u jaqsmu l-ideat permezz ta ' kollaborazzjoni ma ' edukaturi minn pajjiżi oħra
- li huma interessati fl-integrazzjoni tal-Litteriżmu Diġitali fil-miri tat-tagħlim tagħhom

Il-parteċipazzjoni hija permezz ta ' applikazzjoni onlajn fuq il-bażi ta ' min japplika l-ewwel. Il-parteċipanti huma mitlubin jirreġistraw fl-eTwinning u li jkollhom xi idea ta' proġett li jista' jiġi żviluppat u rreġistrat matul is-Seminar.

**Registrazzjoni u programm**:Edukaturi interessati għandhom jirreġistraw sat-12 t'April 2021 hawnhekk: http://bit.ly/301avIW fejn issibu l-programm.

Jingħata ċertifikat ta' parteċipazzjoni jekk ikun hemm l-attendenza tas-seminar kollu flimkien ma' *eTwinning Pack.*

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom,

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**